

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru. .../..

ta' [...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003, dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni¹ (hawn aktar ‘l quddiem imsejjaħ “ir-Regolament Bażiku”), u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tiegħu

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003, dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003²

Billi:

- (1) Sabiex tiġi kkjarifikata t-tifsira ta’ “Standard uffiċjalment rikonnoxut” kull darba li dan jintuża fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003.
- (2) L-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll l-industrija talbu definizzjoni tal-kunċett ta’ “Standard uffiċjalment rikonnoxut”
- (3) Il-miżuri pprovduti minn dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija³ skond l-Artikoli 12(2)(b) u 14(1) tar-Regolament Bażiku.

¹ ĠU L 240, 7.9.2002, p.1

² ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2006 tat-8 ta' Mejju 2006 (ĠU L 122, 9.5.2006, p. 17).

³ Opinjoni 5/2005 ara : http://www.easa.eu.int/home/opinions_en.html

- (4) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni¹ tal-Kumitat ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni mwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Bażiku.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003 għandu jiġi emendat skond dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

F'paragrafu M.A.301 (2) ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, l-espressjoni “għal standard uffiċċjalment rikonnoxut” ġiet mibdula minn “skond id-dejta speċifikata f'M.A.304 u/jew M.A.401”

Artikolu 2

F'paragrafu 147.A.105 (f) ta' Annness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, l-espressjoni “stabbilit bħala standard uffiċċjalment rikonnoxut” ġiet mibdula minn “stabbilit skond il-kriterji ppubblikati mill-awtorità kompetenti”.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fī Brussell,

¹ [għad trid tīgi maħruġa]

*Għall-Kummissjoni
Membru tal-Kummissjoni*